**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**-vs-**

**Maria Bondin, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 354256M**

**Carol Bonnici, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 721459M**

**David Sant, detentur tal-karta tal-identita` numru 70383M**

***Kumpilazzjoni* Nru. *344/2014***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Maria Bondin, Carol Bonnici u David Sant, u ċioè talli:

> Fis-07 ta' Marzu, 2012, f'xi ħin bejn il-11:00am u s-1:00pm fl-Isptar Karen Grech fil-Pieta', b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw l-mewt ta' John Darmanin (ID: 573848M) bi ksur ta' l-Artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-10 ta' Marzu, 2015,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[2]

a. fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati m'kellhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

***Preliminari***

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reat li allegatament sehh fl-2012, l-istess kawza nbdiet f'April, 2014, giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fid-19 ta' Novembru, 2018.

Illi fit-tieni lok, fuq skorta tad-decizjonijiet moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[3] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[4] kif

[1] Fol.159
[2] Fol.817
[3] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[5] l-istqarrijiet tal-imputati, galadarba nghataw minghajr id-dritt li jkunu assistiti mill-legali tal-ghazla taghhom, ma ghandomx aktar valur probatorju.

Illi l-istess konsiderazzjonijiet isibu applikazzjoni ghax-xhieda li nghatat mill-imputati quddiem il-Perit Tekniku Vincent Ciliberti fil-kors tal-inkjesta magisterjali.

Illi r-rapprezentant tal-Legal Office ta' Mater Dei, permezz ta' nota, pprezenta kopja tal-inkjesta nterna li saret dwar il-mewt ta' John Darmanin.[6] Ghalkemm ma tqajjmet l-ebda kwistjoni dwar l-awtenticita` tad-dokumentazzjoni esebita, jirrizulta manifestament li r-rekwiziti tal-Artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali, ma giex osservat. Tali kopja qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament minn min irredigiha, u ghaldaqstant dan id-dokument u l-konkluzzjonijiet tieghu m'ghandhom l-ebda valur probatorju. Anke jekk fil-fatt ir-rapport gie debitament awtentikat, dak kontenut fih ma jikkostitwix prova ammissibbli f'dawn l-atti. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni sabiex tressaq bhala xhieda l-istess persuni li xehdu f'dik l-inkjesta galadarba dak kollu li xehdu jikkostitiwxxi *hearsay*. Ghalkemm il-verbal tad-9 ta' Gunju, 2016, jidher li kien inghata differiment ghal dan l-iskop, mill-atti ma jirrizultax li dan id-dokument effettivament qatt gie kkonfermat.[7]

---

[4] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

[5] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

[6] **Dok. PV1** a fol.246A

[7] Fol.325. Vide ukoll fol.327 izda ma hemm l-ebda xhieda fl-atti

Madanakollu l-konkluzzjonijiet milhuqa mill-Bord tal-Inkjesta jikkostitiwixxu biss opinjoni b'differenza ghal dak li jista' jikkonkludi espert mahtur mill-Qorti jew fil-mori ta' inkjesta magisterjali. Aktar minn hekk ix-xhieda li taw it-tlett imputati quddiem dak il-*Board* ukoll hi vizzjata kemm il-darba dawn ma nghatawx il-fakolta` li jkunu assistiti minn legali taghhom meta kien jidher cjar li huma suspettati potenzjali tant li kien l-istess ufficju legali li ghamel rapport lill-Pulizija nhar it-8 ta' Marzu, 2012 - jiem qabel ma ntalbu jixhdu l-imputati fl-inkjesta nterna, u meta kienet gja` ntalbet li tinfetah inkjesta magisterjali.[8] Fil-fatt mill-*emails* prezentati minn Dr. Brigitte Gafa jidher li l-ewwel laqgha tal-*Board* sehhet fit-12 ta' Marzu, 2012,[9] erbat ijiem wara li nbdiet l-inkjesta magisterjali; altru li Sant, Bonnici u Bondin kienu suspettati u ghalhekk skatta d-dritt li jkunu assisti minn rapprezentanti legali taghhom.

Illi gie determinat li l-pazjent fega f'bicca tigiega; dan jirrizulta mill-provi kif ser jinghad. Roberta Chetcuti Galea, *speech language pathologist* ikkonfermat li t-tigiega hekk kif maghzula mill-ghazliet tal-*maincourse* fil-jum tas-sinistru kienet adattata ghall-pazjent kemm il-darba din tigi mghaffga sew u li fil-hin tal-ikel il-pazjent ikun supervised, cioe` minn hin ghall-hin jinghata daqqa t'ghajn *"li **waqt l-ikel ikollu supervision waqt il-hin ta' l-ikel ikun supervised**[10]**….**r-recommendations kienu soft mashed jigifieri jekk l-ghazla kienet tat-tigiega u kien hemm il-hsieb li **t-tigiega jghafguha bil-furketta biex tigi bil-konsistenza ta' soft mashed**, ehe setghet saret dik l-ghazla….l-ikel mashed ma jidholx mashed ix-xoghol…..irid jigi dejjem mghaffeg minn xi hadd…skont ir-rakkomandazzjonijiet **li kien hemm iva [seta' jieklu John], jekk kien se jigi mghaffeg u jkun mghaffeg sew ovvjament**".*[11]

[8] Vide Xhieda Dr. Brigitte Gafa a fol. 45
[9] Fol.120 tal-PV
[10] Fol.49
[11] Fol.331

Ghaldaqstant ma hemm ebda htiega li terga' ssir riferenza fix-xhieda prodotta dwar jekk it-tip t'-ikel li ntghazel (it-tigiega) kienx wiehed li seta' jittiekel minn Darmanin, peress li dan il-fatt ma jimpingix fuq il-kaz in dezamina. L-istess jghodd ghas-sottmissjonijiet li saru mill-imghallmin avukati difensuri fit-trattazzjoni rispettiva taghhom dwar dan il-punt.

***<u>Il-Provi</u>***

Illi **Sandra Lughermo** esebiet l-*employment records* u dokumentazzjoni relattiva tal-imputati.[12] Gie esebit ir-*roster* ta Maria Bondin minn fejn jirrizulta li kienet *day duty* mis-7.45am sa 16:30pm u kienet intitolata ghal 45 minuta *break* li jittiehed f'hin li s-servizz jippermetti. Carol Bonnici kienet intitolata ghal nofsiegha *break* u David Sant ghal nofsiegha kif ukoll zewg perjodi ta' kwarta.[13] L-imputati lkoll kellhom 45 minutes *break*.[14] Tispjega li Bondin kienet is-*supervisor* ta' Sant u Carol Bonnici u Laura Cascun in-*nursing manager* is-superjur ta' Bondin. **Colin Galea** ukoll jikkonferma il-hinijiet li huma ntitolati ghalihom in-*nurses* u in-*nursing staff*.

Illi mart id-*decujus*, **Eileen Darmanin**, spjegat kif fl-10 ta' Jannar, 2012, zewgha John kien soffra *stroke* u wara li gie rikoverat Mater Dei ntbaghat Karen Grech fejn dam ghal madwar 7 gimghat. L-*stroke* hallitu b'bosta dizabilitajiet fosthom ma kienx jitkellem, kien inkontinenti u ma kienx jista' jibla u jiekol ikel solidi tant li l-*speech therapist* kienet harget struzzjonijiet sabiex jinghata *soft diet* u jigi *supervised* waqt il-hin tal-ikel. Kienet inharget tabella kulur isfar – formanti parti mill-*medical file* - li giet mwahhla mat-testiera tan-naha tar-riglejn *"u*

[12] **Dok.SL2** (David Sant) a fol.262 et seq.; **Dok.SL3** (Carol Bonnici) a fol.280 et seq. Precedentement kienet prezentat dak ta Maria Bondin **Dok. SL1** a fol. 178 et seq.
[13] Fol.257
[14] Fol.256 *tergo*

*kienet tidher ma kullimkien mal-kamra."*[15] Kompliet kif John kien rega' beda jitkellem u jimxi wara ftit gimghat li soffra l-i*stroke*. *"Kien jiekol li jgibulu fil-platt kont narah jiena u min kien jordnahulu ma nafx, pero`* ***kellu strettament instructions illi ghall-ebda raguni ma jinghata ikel solidu****."*.[16] Izzid *"John kellu dik il-problema illi ma kienx jaf jaqta' gidma ikel bhalna bhal normal u jomghodha u jiblaghha kien izommha kollha f'halqu u jerga' jiehu ohra u ohra sakemm jimla halqu u kellu din il-problema li ma setghax jibla."* Tghid li kienu n-*nurses* li kienu jordnawlu l-ikel.[17] Eileen qalet li John kien ibghati bid-*dementia* tant li lanqas il-kamra tieghu ma kien isib.[18]

Dakinhar tas-sinistru tkellmet ma Maria Bondin li qaltilha li anke pruvat tnehhilu l-ikel minn go grizmejh. Tghid li wasslet l-isptar bejn is-1pm jew is-2pm u kif wasslet qalulha li *"Kienu sabuh siegha u nofs wara li miet…ma qalulix x'hin sabuh"*.[19]

Tkompli li t-toilet li nstab fih ma kienx boghod wisq qisu nofs it-tul ta' awla (circa 5 metri). Bondin infurmatha li n-*nursing officer* kienet sabet lil John mejjet. Hadd ma talabha permess biex issir awtopsja li saret hamest ijiem wara l-mewt ta' John. Tixhed li kemm il-darba kienet issib lill-zewgha jiekol wahdu meta dan ma kienx kapaci jaghmel *daily functions* minghajr ghajnuna. Tkompli tixhed fuq id-diskors li sar ma Dr. Bugeja li nfurmaha li John kien ilu mejjet madwar siegha u nofs u kien minhabba trapass ta' zmien li ma kienx hadem is-CPR *"qalli pero` John kien ilu li telaq qalli ghax kien ilu siegha u nofs mejjet"*.[20]

---

[15] Fol.70
[16] Fol.73
[17] Fol.83
[18] Fol.80 u 82
[19] Fol.79
[20] Fol.93

Jinghad mill-ewwel li din id-dikjarazzjoni ma hi kkomfortata mill-ebda provi. Darmanin instab madwar 30-40 minuti wara li kien isserva l-ikel li jirrizulta kien jibda' jitqassam mal-11:20am. John nstab qrib 12pm.

Illi l-**Ispettur Geoffrey Azzopardi** xehed kif nhar it-8 ta' Marzu, 2012, il-Pulizija giet infurmata minn Dr. Brigette Gafa dwar is-sinistru li sehh f'Karen Grech Hospital u ntalbet li tinfetah inkjesta magisterjali. Minn investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta li Darmanin kien gie ccertifikat minn Dr. Vincent Bugeja li miet kawza t'*asphyxia*. Fuq insistenza tal-familjari ta' Darmanin saret awtopsja w inkjesta magisterjali minhabba dubbji li tqajjmu dwar kif sehhet mewtu. Ghalkemm l-inkjesta kkonkludiet li jista' jkun hemm responsabilita` kriminali minghajr ma gew identifikati l-persuni responsabbli, kienet il-Pulizija li ssoktat bl-investigazzjonijiet taghha li wasslet sabiex tinhareg l-akkuza odjerna fil-konfront tal-imputati. [21] Minhabba li John Darmanin kien soffra *stroke* ma kienx jista' jikkontrolla l-*intake* ta' ikel u l-*speech therapist* ordnat li dan jinghata ikel partikolari. Mas-sodda tieghu twahhlet nota [22] li l-pazjent kien on S***oft/Mashed diet****, thickened fluids* izda aktar importanti fuqha kien hemm indikat *"Position for Feeding: SEATED/PROPPED UP"* kif ukoll **"SUPERVISE during FEEDING".** [23] Giet esebita l-*patient allocation* ghal ward M3 minn fejn jirrizulta li **David Sant kien in-nurse responsabbli ghal beds 17-24. In-nursing aid ghal dawk is-soddod kienet Carol Bonnici**.[24] Bed 21 kienet okkupata minn Darmanin.[25] *Id-direct superior* ta' Bonnici kien Sant.[26] L-ispettur kompla *"hadd minn dawn it-tlett (3) imputati minkejja li kien hemm ir-rekwizit ta' dieta partikolari ….**minkejja li l-ikel kien ilu***

---

[21] Fol.14-15
[22] **Dok.GA3** a fol.28
[23] Fol.16.
[24] Fol.17
[25] **Dok. GA4** a fol.29
[26] Fol.18

***hemm hafna qabel jiccekja li dak l-ikel huwa addattat. Apparti li mbghad ma kienx hemm supervizjoni waqt li dan kellu l-ikel quddiemu.****"*[27]

In kontro-ezami kkonferma li ttiehdu passi kontra dawn il-persuni minhabba l-karigi rispettivi taghhom fejn Maria Bondin kienet in-*nursing officer in charge* mill-ward, David Sant bhala *n-nurse* u Carol Bonnici bhala n-*nursing aid*. Sant u Bonnici kellhom 6 pazjenti allokati lilhom.[28] Fil-hin tas-sinistru rrizulta li Bonnici kienet qed titma' pazjent iehor, Salvu Grima, li kien f'kamra ohra.[29] L-ispettur jaghmel rimarka ferm rilevanti fis-sens li ma setghax jifhem ghaliex Darmanin u l-pazjent l-iehor, it-tnejn b'certu bzonnijiet, kienu tqeghdu f'kmamar differenti:[30] *"il-prudenza kienet tirrikjedi illi dan ma jithalliex unsupervised bl-ikel quddiemu…trid toqghod attent illi dan ma jithalliex f'riskju a kuntrarju ta' l-instructions illi kellek."*.[31] L-investigazzjoni wriet li dakinhar kien hemm *full compliment* tal-istaff. Jikkonferma li qatt ma rrizulta min kien qassam l-ikel lil Darmanin,[32] xi haga li l-Qorti tqis hi inaccettabbli li pazjenti jigu f'kuntatt ma persuni indeterminati minghajr ebda kontroll jew restrizzjoni.

**Madanakollu kif sewwa jemfasizza l-Ispettur Azzopardi, in-nuqqas ma kienx dak li Darmanin inghata l-ikel, izda min hallieh bl-ikel quddiemu u ma ghamilx supervizjoni mieghu sakemm l-ikel rega' ttiehed minn hdejh. Jissottolineja li l-aktar mankanza f'dan il-kaz kienet in-nuqqas ta' supervizjoni ta' Darmanin fil-hin tal-ikel.**[33] Mhemmx dubbju, tenut kont tal-istruzzjonijiet cjari li kien hemm fir-rigward ta' Darmanin ***"SUPERVISE while***

[27] Fol.21
[28] 350-351
[29] Fol.352
[30] Ibid.
[31] Fol.353
[32] Fol.359
[33] Fol.359-360

***FEEDING"***[34], li l-pazjent kien f'riskju minhabba fil-kundizzjoni tieghu fil-hin tal-ikel; kundizzjoni li kienet tesigi li l-pazjent jithalla jiekol biss **b'supervizjoni u jinghata ikel li jigi adattat ghalih.**

**Ghalhekk irid jigi determinat jekk kemm il-darba il-pazjent thalla minghajr supervizjoni waqt il-hin tal-ikel, il-fatt li thalla b'ikel hdejh minghajr sorveljanza, setax jammonta ghal traskuragini u jekk fl-affermattiv, min kellu l-obbligu li jissorveljah, naqasx b'xi mod li jista' tigi pruvata l-k*ulpa* fil-konfront tieghu/taghha? Huwa dan li ghandu jigi determinat.**

Illi **Loreta Casun**, fiz-zmien *Chief Nursing Officer* f'Karen Grech, qalet li f'kull ward kien hemm *allocation* fejn il-pazjenti jigu allokati lin-nurse u lil carer 24 siegha kuljum*:* ***"the ultimate responsibility tkun dik in-nurse u l-carer****….ma jfissirx li ser joqghodu hemm hekk il-hin kollu…imma ser jaghtu izjed attenzjoni huma, lejn dak in-numru ta' pazjenti li jkollhom allokati lilhom…".* L-*allocation* tista' taghmilha n-*nursing officer* jew is-*senior nurse.*[35] Il-*policy* dwar l-kontenut tal-menus tbiddlet izda mhux minhabba dan l-incident. Il-*carers* kienu inkarigati jaghzlu l-menu izda kienet **in-*nurse* li fl-ahhar mill-ahhar ticcekja l-ghazla kienitx adatta ghall-pazjent.** Qabel l-ghazla kienet issir min-*nurses*. Fis-*soft diet* kien hemm tigiega u l-pazjent kellu jinghata l-ikel **taht supervision *"taghti daqqa t'ghajn".***[36] Ir-responsabilita` biex jitqassam l-ikel kienet tan-*nurse* jew il-*carer* allokati mal-pazjent koncernat. *"Imma nafu li at lunchtime, n-nurse tkun qed taghti t-treatment, ta' dawk il-pazjenti. U l-carer jista' jkun ikollha xi hadd iehor, ghaliex il-kmamar huma ta' b'erbgha (4), u huma kien ikollhom xi sitt (6) pazjenti. Mela tnejn minnhom setghu ikunu f'kamra ohra."* L-ikel kien jasal fil-*wards* kmieni hafna ffrizat u jissahhan hemm. Kien johrog f'xi 11:15am.[37] L-ikel

[34] Vide Chart fil-*medical file*. Kopja a fol.28, **Dok. GA3**
[35] Fol.212-213
[36] Fol.216
[37] Fol.217

kien ikun fi *trolleys* u ma setghax jinfetah qabel; jifthuh biss meta jdoqq l-*alarm* li jindikalhom li jistghu jifthuh. Kien biss fil-mument li l-ikel jinfetah biex jinghata lill-pazjent li seta' jigi determinat jekk l-ikel ordnat kienx adatt ghall-pazjent.[38] Dakinhar tal-mewt ta' Darmanin, Maria Bondin kienet *in charge* mill-*ward.* Ko-ordinazzjoni man-nurses issir fil-bidu meta tinghata l-*allocation*. Il-*breaks* jibdew jittiedu f'12pm u kien hemm linji gwidi dwar hinijiet tal-*breaks* u kif kellhom jittiehdu ghalkemm mhux dejjem setghu japplikawhom.[39] *"Jiena ghalija dejjem kient important li huma jkunu responsabbli li jekk sejjrin ghall-break, jaraw li hemm xi hadd iehor li qed jikkoverja ghalihom u mhux sejrin f'xi hin li nqala xi xoghol u qabdu u telqu break…nassumi li ghamiltilhom cara. Imma ma niftakarx."*[40] L-incident report sar minn Bondin.[41] In segwitu tal-inkjesta nterna li saret ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinari.[42] Dwar l-istruzzjonijiet li waqt il-hin tal-ikel pazjent ikun *under supervision* ifisser li jigi ccekjat minn hin ghal-hin izda mhux li jkun sorveljat il-hin kollu bhal ma hu l-kaz ta' *constant watch.* Lanqas ma kien rikjest li jigi *"fed by the carer….inti* ***tista tkun qed titma pazjenti ohra u taghti daqqa t'ghajn lilu. You are supervising****….Mhux constant."*[43] Tinsisiti li *"ic-chicken kienet listed as a soft diet"*.[44]

[38] Fol.218-219
[39] Fol.222
[40] Fol.223
[41] Fol.225
[42] Fol.227
[43] Fol.230
[44] Fol.232

Illi **Dr. Mark Anthony Vassallo** li kien il-konsulent ta John Darmanin spjega li l-pazjent tieghu *"kellu* ***cognitive impairment…. minhabba problem ta' dementia, kien hemm problem fl-attivitajiet ta' kuljum****. Jigifieri biex jinhasel, jilbes…"*.[45]

Illi **Dr. John Cordina** kien ra l-kommozzjoni li sehhet u kien prezenti fil-hin li beda jsir is-CPR li dam ghal xi 20 minuta ***"vicin ras tal-pazjent kien hemm bicca ikel****, ma nafx ezatt x'kienet, xi hmieg fuq l-imhadda, u l-impressjoni kienet anke milli tkellimt kien li probabilment faga f'xi ikel."* Ma tax kaz kienx hemm ikel madwar is-sodda ta' Darmanin.[46]

Illi **Dr. Mario Scerri**, espert mahtur fl-inkjesta, ikkonstata li *"Waqt l-awtopsja rrizulta illi kien hemm impacted bolus fit-trachea u petechiae fil-pulmun indikazzjoni t'asphyxia….il-kawza tal-mewt kienet minhabba asphyxia kkagunata minn* ***obstruction of the airway****"*.[47]

Illi **Dr. Vincent Bugeja** kien parti mill-*multi disciplinary team* jaghmlu r-*rounds* u hekk kif lestew u kienu sejrin lejn il-*conference room* lemhu n-*nursing aids* u *carers* gejjin jigru b'Darmanin li tpogga fuq is-sodda u beda jsirlu CPR. Min halqu inharget *"bicca materjal tal-ikel bajda"*.[48] Is-CPR twaqqaf meta ma rnexxiex. Beda jaghmel notamenti fil-*medical file* tal-pazjent u dak il-hin *"iddecidejt li naghmel certifikat ghax kont kelli raguni bizzejjed biex nemmen li l-kawza tal-mewt kienet* ***asphyxia minhabba choking on food****"*. Kien hu li ta l-ahbar lill-martu[49] li kienet devastata *"niftakarha tghidli lanqas kelb ma jmut hekk….Heqq jiena kont sincier maghha ghidtilha l-verita` li rajt b'ghajnejja u li*

[45] Fol.163
[46] Fol.168
[47] Fol.55-56 tal-Proces Verbal
[48] Fol.64
[49] Ibid.

*ghaddejt minnu. Ma kontx naf kif ha nsabbaraha dak il-hin…kienet inkolsolabbli.".*[50] Mill-*clinical notes* tirrizulta *entry* fejn jinghad *"7/3/12 12.30pm, Pt found collapsed in bathroom….**Patient declared dead due to asphyxia**".* Meta xehed quddiem il-Perit Tekniku jsemmi li xhin semghu kommozzjoni Maria Bondin kienet qeghda mieghu u tobba ohra fuq il-*ward rounds*. Meta ezaminha lil Darmanin u nbeda is-CPR fuqu, *"indunajt illi **kellu bicca ikel, jista' jkun kienet bicca tigiega, li kienet qed tiblokalu l-airway**, nehhejnielu u komplejna is-CPR."*[51] Issemmi kif Darmanin kellu kundizzjonijiet psikjatrici fejn kien ikun dizinibit u kien qed jinza fil-ward. Izid *"Kawza ta' forma ta' dementia John ma kellux il-potenzjal li jiekol wahdu, jiggifieri ma setghax jghomod u jibla l-ikel wara li jkun ghomodu, biex jibla fil-fatt kellu problema illi l-ikel **jghaddi fil-pipe tan-nifs. Kellu jiekol b'supervizjoni**, b'dieta specjali konsistenti f'soft diet foods u thickened fluids under supervision…...".*[52]

Ic-certifikat tal-mewt esebit fl-istess file jindika l-hin tal-mewt bhala dik tal-12.30pm. Jirrizulta izda li dan kien wara 20-25 minuti ta' CPR.

Illi **Katya Gauci**, *nurse,* spjegat mal-perit tekniku kif dakinhar tas-sinistru hi ma kienitx allokata mad-*decujus* izda mal-pazjenti 23 sa 33. Fl-12pm David Sant baghtha ma *nurse on training* li kienet assenjata mal-pazjenti 9 u 16 minhabba li kienet ser taghti *treatment* liema treatment kellu jinghata taht supervizjoni.[53] Talbet *carer* li kellha maghha biex tkompli titma' l-pazjent u marret tbiddel lil Sant li kien hiereg ghal-*break*.[54] F'hin minnhom Carol Bonnici, *nursing aid,* staqsitha ratx lil Darmanin; dan kellu l-abbititudini li jmur

[50] Fol.67
[51] Fol.22 tal-PV.
[52] Fol.22 tal-PV
[53] Fol.97-98 tal-Proces Verbal, Vol. I
[54] Fol.98 tal-Proces Verbal, Vol. I

f'xi post jinza gharwien[55] u ghalhekk fittxewh fl-*istores* u fit-*toilet* u sabitu *"rasu fid-direzzjoni tal-WC, b'wiccu fuq ix-xellug, u sieqSu lejn il-bieb, u kien imlibbes"*. Giet mgharrfa in *nursing officer* Bondin u gie merfugh u mqieghed fuq is-sodda tieghu.[56]Cemplet lil martu fejn infurmata li kien hassu hazin u ma setghux iqajjmuh. Sarlu is-CPR u wara li kien hemm *no response* gie ccertifikat mejjet mit-tabib Bugeja.[57]

Quddiem il-Qorti Gauci tixhed li n-*nurse* tas-*shift* ta' qabel ix-*shift* ta' David Sant, certu Svetlana li kienet xoghol sa 12pm, *"tat over lilu [lil Sant it-trattament ta' pazjent tal-istess Svetlana] biex ikompli u peress li kien sarlu l-hin biex imur break gie jaghti handover lili biex jien immur inkompli ma din in-nurse [ohra li kienet on training] under supervision"*. In-*nurse on training* kienet assenjata beds 9-16 u ma kellhiex x'taqsam ma John Darmanin. Gauci tikkonferma li kienet fis-sala bejn 12-12:45pm u kien hemm *nurse* ohra fuq barra li ma kienitx *break;* [58] *"Issa* ***bhala nurses tas-sala konna jien u David. Irridu nitqassmu David mar l-ewwel break u jiena kont ser nibqa fis-sala biex immur it-tieni****…..kif jigi David lura."*[59]

Tghid li **Sant ma semmiliex biex tassisti jew taghmel supervision ma Darmanin**; Sant mar hdejha x'hin kienet ghada fuq l-*allocation* taghha *"qalli li kien sar il-hin biex nibdew il-break u Svetlana lilu hallitlu lin-nurse under supervisiom biex ikompli t-treatment allura jien kelli bzonn inpartu* [*nibbdlu*] *biex hu jibda break* ***u l-pazjenti l-ohra kienu sew."***[60] Gauci spjegat il-procedura fil-hin tat-tqassim tal-ikel li jsir fil-hin li n-nurse ikun qed jaghti t-*treatment*[61]. Ix-xhud semmiet li l-ikel jibda jitqassam mill-11:20am u n-nurses tal-*first day*, bhal ma

[55] Fol.99 tal-Proces Verbal, Vol. I
[56] Ibid.
[57] Fol.100 tal-Proces Verbal, Vol. I
[58] Fol.118
[59] Fol.119
[60] Fol.114 I
[61] Fol.115

kien xoghol David Sant dakinhar, jibdew il-*break* f'nofsinhar.[62] **Il-platti jithallew mal-pazjent** u min ikollu bzonn jigi mitmugh jinghata l-assistenza. ***"Il-hin tal-ikel kien hafna qabel"*** il-*break* u fil-fatt **meta dahhlet lura fis-sala kienu xi 11:30am meta t-*trolley* kien gja qasam in-naha ta' wara tas-sala ma fejn kien Darmanin,** *"x'hin mort fil-11:30 it-trolley kien ga lest minn hemm wara jigifieri sa nofsinhar ghaddiet nofsiegha."*. Tikkalkula li regghet marret fis-sala xi 11.30am peress li hadet pazjenta ghal *x-ray* u dan meta l-ikel kien gja` ilu li tqassam[63].

Il-platti tal-ikel kienu jistghu jingabru min-*nursing aids* xhin il-pazjenti jlestu jieklu.[64] Mistoqsija ratx pazjenti ghadhom jieklu, Gauci tghid li hi kienet qeda taghmel *treatment* ma *nurse under supervision* u kif lestiet marret tkompli bl-*allocation* taghha.[65] Dawk fl-*allocation* taghha ma kienux qed jieklu izda hi ma tatx kaz jekk pazjenti fl-allocation ta Sant kienux ghadhom jieklu, *"ma nistax nghidlek minn gabar ta' l-allokazzjoni l-ohra"*.[66] Il-priorita` taghha kienu l-pazjenti taghha.[67]Tikkonferma li meta Sant u n-*nurse* l-ohra kienu *break* hi kienet l-aktar nurse *senior* u nkarigata mis-sala.[68] Kienet konsapevoli li Darmanin jiekol *soft foods* u li kellu jkun *supervised*.[69] Katya Gauci **tikkonferma li qabel l-12pm, in-*nurse* Sant u n-*nursing aid* Carol Bonnici kienu responsabbli ghal Darmanin.**[70]

Sinifikanti huwa l-emfazi li taghmel dwar il-hin li giet *alerted* ghall-fatt li Darmanin ma kienx fis-sodda tieghu minn Carol Bonnici, in-*nursing aid*

---

[62] Fol.116
[63] Fol.115
[64] Fol.119
[65] Fol.119-120
[66] Fol.120-121
[67] Fol.128
[68] Fol.122 u 127
[69] Fol.126
[70] Fol.139-140

allokata mieghu. Issemmi kif **kienu xi 12:15pm meta ltaqghet ma Carol Bonnici, *nursing aid*, li staqsitha ghal John**. Bdew ifittxuh fil-kmamar tal-gnub peress li kien maghruf li *"kien jidhol fil-kmamar tal-genb, gieli kien jinza l-hwejjeg tieghu…mhux l-ewwel darba li prova johrog barra mis-sala"*.[71] Ix-xhud tghid li sabet lil Darmanin li ma kienx *responsive,* kellu halqu miftuh. Ma kienx qed jiehu nifs.[72] Wasslet ukoll Bondin wara li marret ssejhilha Bonnici. Sant kien ghadu *break*;[73] ma kienux ghaddew 10 minuti mill-hin li Sant mar ghal-*break* u nstab Darmanin.[74] Sarlu CPR ghal xi 25 minutes izda wara giet pronunzjata l-mewt tieghu.[75] Kienet Bondin li bdietlu bil-*compressions* u hi marret iggib l-*emergency trolley* u talbet *nursing aid* biex tqabbadha ma martu. Kellmitha u qaltilha li sabu lil John mitluf minn sensieh. Wara marret tkompli bis-CPR li ma rnexxiex.[76]

In kontro-ezami tghid li meta Sant qalilha li sejjer *break* kienu xi 12pm u ghalhekk soddod 17-24 gew fdati lilha, **hi ma ccekjajtx jekk l-*allocation* tieghu kienitx lesta peress li kien qalilha li l-*allocation* tieghu kienet *"Okay….Okay ghalina lesta"*.**[77] L-uniku haga li semmielha kien li tmur man-*nurse under supervision, "Svetlana kien spiccala l-hin u kienet telqet u li hu kien sejjer break allura kelli mmur nkompli t-tretament man-nurse under supervision"*.[78] Dwar Darmanin tghid li *"Kien just supervised while eating, jigifieri inti tista tkun qed titma pazjent iehor u minn fejn pazjent iehor inti tkun qed tarah qed jiekol…attenta ghalih…"*. L-ikel kien jintghazel minn tlett ijiem qabel u kienu n-*nursing aids* li

---

71 Fol.125
72 Fol.130-131
73 Fol.133
74 Fol.128
75 Fol.134
76 Fol.135
77 Fol.141
78 Fol.141-142

jiehdu l-ordni u **jiccekjawh in-nurses.**[79] Tghid li meta semghet lil Bondin tghid li Darmanin kellu polz ma kienux aktar mill-12.15pm.[80]

Illi **Roberta Chetcuti Galea**, *speech language pathologist*, spjegat kif wara li lil Darmanin sarlu *oromotor assessment* u *swallowing assessment*, bhala rakkomandazzjonijiet ghal *safe swallowing: "Jiena kont irrakkommandajt li l-pazjent jiehu soft, a soft mashed diet u thickened fluids to stage 2….fluids jizdiedu bit-thickener li jigu qishom hoxnin daqs, il-viskosita` taghhom tkun qisa dik tan-nectar juice, dak qisu tal-langas jew hawh…Ikun hemm bedside advice sheet li tkun printed u tkun mwahhla mal-kartella mal-card tal-patient ma kull bedside u naghtu handover ovvjament verbali lin-nurse li tkun caring nurse ta' dakinhar tal-assessment, kif ukoll niktbu fil-medical file tal-pazjent."*[81] Ikkonfermat il-*bedside advice sheet* esebita u spjegat li kien gie rrakomandat li *"l-pazjent ikun bilqeghda sew …u li **waqt l-ikel ikollu supervision waqt il-hin ta' l-ikel ikun supervised.**"*[82] John Darmanin ***"kellu limited chewing jigifieri kien jomod ftit u jibla u minhabba l-istat mentali tieghu kien ukoll distractable**…"* Ghaldaqstant hi ghamlet ir-rakkomandazzjonijiet taghha biex ikun *supervised* waqt il-hin tal-ikel peress ***"jekk ha jiekol xi haga regular li jkollha bzonn hafna x'jomod il-pazjent ovvajment ma jkunx lahaq kissirha bizzejjed f'halqu …jkun hemm obstruction of the airway**…. ".*[83] Izid li s-*supervision* kellha ssir minhabba l-kundizzjoni mentali tieghu.[84] Ikkonfermat l-*entries* taghha fil-*medical file* ta' Daramanin fejn irrakomandat li jinghata *"intake functional stage 2 fluids u **soft mashed diet**.".* *Il-bedside advice* inharget fid-19 ta' Jannar 2012, "M3:John

[79] Fol.143
[80] Fol.145
[81] Fol.48
[82] Fol.49
[83] Fol.52-53
[84] Fol.53

Darmanin", kif jixhed il-*medical file.*[85]Mill-*medical file* tieghu l-*entry* tat-18/1/12 tindika *"Pt was seen by SLP @MDH and advised to give liquidised TS2 č*[86] *caution and well propped up…S. Ellul".*

In kontro-ezami tikkonferma li John suppost inghata tigiega l-forn biz-zalza tas-saghtar li tkun ratba: *"r-recommendations kienu soft mashed jigifieri jekk l-ghazla kienet tat-tigiega u kien hemm il-hsieb li* ***t-tigiega jghafguha bil-furketta biex tigi bil-konsistenza ta' soft mashed****, ehe setghet saret dik l-ghazla….l-ikel mashed ma jidholx mashed ix-xoghol….****irid jigi dejjem mghaffeg minn xi hadd****…skont ir-rakkomandazzjonijiet* ***li kien hemm iva [seta' jieklu John], jekk kien se jigi mghaffeg u jkun mghaffeg sew ovvjament****".*[87] L-ikel seta jigi *mashed* b'furketta tal-hadid ghalkemm il-frieket li kienu jitqassmu mill-caterer kienu tal-plastic.[88] Ghamlet differenza bejn *supervised* u *assisted feeding* fejn fl-ahhar kaz il-pazjent irid jigi mitmugh.[89] **John kien ikollu aptit jiekol** ***"Kien ihobb jiekol,*** *kien jghommod ftit u jibla ghalhekk kien mashed ghaliex il-ftit li kien jghomod kien ha prattikament jkompli jkisser il-ftit li jkun fadal once li timmashja l-ikel u kien jibla bla problem ta' xejn.",* **kull ma kellu bzonn kienet** ***supervision***.[90] Tenniet li bhala *speech therapist* hi kellha rwol tiddeciedi biss dwar il-konsistenza tal-ikel.[91]

**Maghruf li John kien ihobb jiekol, tenut kont tal-kondizzjoni tieghu fejn kien risaput li kien jghomod u jaqbad u jibla l-ikel bir-riskju li jkun hemm**

---

[85] Vide ukoll *entry* fil-Medical File tat-3.02.2012 *"Recommended to keep on a soft mashed diet and encouraged alternating soup and soft to trigger swallow"*
[86] Cum/with
[87] Fol.331
[88] Fol.338
[89] Fol.341
[90] Fol.342
[91] Fol.344

***obstruction tal-airway,***[92] **kundizzjoni li wasslet ghall-mewtu,**[93] **kien hemm obbligu akbar li dan ikun sorveljat fil-presenza tal-ikel.**

Illi **Maria Bondin** xehdet li kienet tibda l-gurnata tax-xoghol taghha fis-6:30am fejn kienet ticcekja l-*allocation* li kienet titlesta minn gurnata qabel fejn numru ta' *nurses* u *nursing aids* jigu allokati ma certu pazjenti. Mas-6:45am jasal l-istaff li ser ikun *duty* mal-jum u n-*nurses* ta' mal-lejl jaghtuhom *handover.* Malli jlestu mill-*handover* in-*nurses* ta' binhar jibdew it-*treatment* u *n-nursing aids* jibdew il-*breakfast.* Wara li hi kienet iddur il-pazjenti man-*nurses* tan-*night shift,* in-*nurses* jitilqu u wara kienet tiehu hsieb ticcekja l-i*stores* u l-ispizerija qabel ma tibda l-*ward round* li tibda fid-9am u tibqa ghaddejja sas-2pm. Il-*ward round* issir darba fil-gimgha minn kull konsulent. Kellha tlett *rounds* fil-gimgha ghax kien hemm 3 konsulenti u bhala *nursing officer* trid tkun prezenti ghaliha. Bhala *nursing officer* xogholha kien li taccerta ruhha li l-*patients' feeding needs* huma osservati; fil-fatt Darmanin kellu l-kartella mwahhla f'post prominenti biex tindika l-struzzjonijiet *"kien on soft mashed diet. Ried ikun supervised while eating….. Nara li tkun mwahhla mas-sodda.".* [94] ***"L-ikel jitqassam fil-hdax u ghoxrin"*** [95] kif tikkonferma anke Gauci. Dakinar tal-incident kienet fuq il-*ward round* mal-*Multi-Disciplinary Team;* kien xi 12pm meta semghu kommozzjoni, waqfu mill-process u marru jaraw x'gara. **Iddecidiet tpoggi lil Darmanin fil-kamra tal-4 soddod peress li din qeghda fic-centru tas-sala fejn ikun hemm izjed movimenti**. Spjegat ix-xoghol amministrattiv li kellha mal-istaff.[96] Tghid li l-**ikel kien jitqassam minn-nursing aids** *"It-trays jibdewh in-nursing aids u jkomplu jghinuhom in-nurses, ghax dawk ikollhom it-treatment.".*[97] Fissret li waqt l-ikel John kien supervised *"itih daqqa t'ghajn…Jien fir-rwol tieghi ma naghmilx*

[92] Vide xhieda ta' Roberta Chetcuti Galea u ta' Dr. Vincent Bugeja
[93] Fol.55-56 tal-Proces Verbal; relazzjoni Dr. Mario Scerri
[94] Fol.365
[95] Fol.366
[96] Fol.366
[97] Fol.368

*supervison mal-pazjent".* Ikkonfermat li damu jaghtu CPR lil Darmanin ghal 20 minuta.[98] Ikkonfermat li John seta jiekol l-ikel li nghata ghax skond il-menu it-tigiega kienet bhala *soft mashed.* Il-bidla fil-menu saret xi sentejn wara dan l-incident.

In kontro-ezami tispjega li hi kienet risponsabbli bit-thaddim tas-sala u jekk xi *nurse* ikollu diffikulta` bl-*allocation* kien/et jghid/tghid lilha. Tichad li kellha xi obbligu tissorvelja lil Darmanin waqt il-hin tal-ikel.[99] Kienu b'*full compliment* u tenniet li wara li tohrog l-*allocation* kulhadd responsabbli ghall-ghemilu. *"In-nurses kellhom eight u six patients in-nursing aids".*[100]L-ikel kien jigi fis-7am u jibda jissahhan. X'hin kien jintefa' it-*timer* tat-*trolley*, li kien jiehu 31 *tray* (*tray* ghal-kull pazjent), l-ikel kien jibda jitqassam. It-*trolley* kien jinfetah biss bit-*timer*. Semghu il-kommozzjoni meta kien sar qrib 12pm.[101]Fuq ordni tat-tabib bdiet taghmel CPR ***"kif tajt erba compresssions fuq ic-chest…rajtlu l-ikel hiereg minn halqu, issa dan kien ghadu kif jiekol****. Mela jien ghafast l-istonku, kif rajtlu ikel hiereg minn halqu awtomatikament l-istint jghidlek mur nehhi u nehhejtlu daqshekk kien l-ikel kollha bzieq, jien kont bla ingwanti skuzi u ressaqtha fil-genb u komplejna s-CPR ghax hekk kienet l-ordni.".* F'dak il-genn ma tatx kaz jekk kienx hemm xi platt hdejh. Wara li jingabru t-trays dawn jitqeghdu fit-*trolley* u jmorru lura ghand il-*caterer*.[102] Sahhqet li hemm linji gwida mahruga minn Cascun dwar il-*break* li kulhadd jimxi maghhom; l-importanti kien li min ikun sejjer *break* javza b'dan lil min ikun baqa' fis-sala u mhux jaqbdu u jitilqu ghall-*break.*[103]

---

98 Fol.369
99 Fol.373-374
100 Ibid
101 Fol377
102 Fol.378
103 Fol.379-380

Illi **Carol Bonnici**, *nursing aid*, ddeskriviet xogholha bhala dak li taqdi u tiehu hsieb il-pazjenti. Kellha sitt pazjenti allokati lilha fil-jum tas-sinistru, 4 f'kamra u 2 f'kamra ohra.[104] Kienet tibda tahsel u tlibbes il-pazjenti, tnizzilhom minn gos-soddod, torganizzalhom l-komodini taghhom, tirranga is-soddod filwaqt li taqdihom meta jcemplulha ghal xi assistenza.[105] Fil-hin tal-ikel in-*nursing aids* li jkunu xoghol dakinhar jghinu *"kemm fit-tqassim, kemm meta titimghu..kulhadd jghin lil kulhadd…ikun hemm tlieta u tletin pazjent."*[106] John Darmanin kellu jkun *"supervised while eating only"* filwaqt li Salvu Grixti, li kien f'kamra ohra, kien irid jigi assistit waqt l-ikel billi f'certi hin li jkun qed jigi mitmugh irid jinghata l-*oxygen* ghax kien vulnerabbli hafna.[107]

Dakinhar l-ikel beda jitqassam xi 11:30am minn wara tas-sala;[108]fuq kull *tray* hemm numru tal-pazjent u dan jigi mqassam fejn il-pazjent relattiv. Meta it-*tray* jigi biex jinfetah mis-siggill **trid ticcekkjah** ghax ikun hemm istanzi fejn fi tlett ijiem minn meta ikun gie ordnat l-ikel, il-htigijiet tal-pazjent jinbiddlu, u tiddetermina jekk il-pazjent jistax jiekol l-ikel hekk kif ordnat.[109]Dik il-verifika ssir dak il-hin. L-ikel tal-pazjenti fil-kamra ta' Darmanin kien ghadu ma giex, u peress li pazjent f'bed 19 talabha tqattalu l-ikel, ghamlet hekk. Kif qattghet l-ikel **rat li l-ikel kien ghadu ma wasalx fil-kamra ta' John li kien ghadu rieqed** u ghalhekk bdiet titma lil Grixti f'bed 20 li kien vulnerabbli.[110]Meta lestiet minn Grixti dahhlet fil-kamra ta' John u ntebhet li s-sodda ta' John kienet vojta. Il-pazjenti l-ohrajn kienu qed jieklu, sinjal li xi *nursing aid* jew *carer* qassmulhom l-platti. Sejjhet lin-nurse allokat maghha li qalulha ma kienx hemm kif ukoll lin-*nurse* tax-shift taghha Katia Gauci. Bdew ifittxuh u nstab

[104] Fol.391
[105] Fol.391-392
[106] Fol.393
[107] Fol.395
[108] Vide **Dok.KG1** a fol.150 ghall-aktar dettal
[109] Fol.400
[110] Fol.401

wiccu mal-art fit-toilet. Sejjhu ghall-assistenza fejn John ittiehed fuq is-sodda u nghata is-CPR.[111]

Peress li jkun hemm *nursing aids* li ma kienx ikollhom pazjenti x'jitimghu, il-prassi kienet li waqt il-hin tal-ikel kulhadd jghin lil xulxin.[112]Hi ma kienitx taf min qieghed break ghax kienet qed titma' lil Grixti ***"bdejna nqassmu l-ikel ghal hdax u nofs, il-breaks jibdew f'nofsinhar".***[113] Ma Grixti hadet zmien mhux hazin ghax hu process delikat peress li wara li jibla l-ikel ikun irid jinghata n-nifs. Jidher li kien f'dan il-hin waqt li qed titma lil Grixti li l-*caterer* gab it-*trays* tal-kamra ta' Darmanin li ghaddew ghand il-pazjenti.[114] **L-ewwel darba li rat it-*trays* fil-kamra ta' Darmanin kien meta spiccat titma lil Grixti li kien f'bed 20.[115] Ma tafx min tah l-ikel u damet titma lil Grixti bejn kwarta u ghoxrin minuta.[116]** Kif lestiet marret ticcekja l-4 pazjenti li kien fadal u sabithom jieklu wahdehom.[117] Ma kienx hemm boghod mis-sodda ta' John ghat-toilet, ftit metri. Hadd ma ra lil John jaqsam il-kuridur.[118] Meta saret taf li Sant kien fuq *break* ghajtet lin-nurse l-ohra fuq l-istess *shift,* Katya Gauci. Osservazzjoni importanti li tikkonferma fix-xhieda taghha hi li t-*tray* ta' John ma kellux numru fuqu, lanqas il-menu ma kien hemm li ssoltu jkun fuq il-platt ***"Il-karta ma kinitx hemm…infatti ma jafux ta' min hu t-tray"***[119]. Innutat ukoll li kellu tigiega fil-platt b'gidma nieqsa.[120]

---

[111] Fol.409
[112] Ibid.
[113] Fol.411
[114] Fol.417
[115] Fol.416
[116] Fol.418
[117] Fol.419
[118] Fol.424
[119] Fol.427
[120] Fol.426

**Bix-xhieda minn taghha Bonnici tikkonferma li ghalkemm kienet konsapevoli li l-ikel kien ser jasal minn hin ghall-iehor, maghdud mal-fatt li fi kliemha kellha obbligu tivverifika li l-ikel li jitwassal lill-pazjent ikun baqa' adattat ghalih peress kif spjegat il-htiegijiet tal-pazjent jinbiddlu minn dakinhar li jkun gie ordnat l-ikel[121] - (i) ghazlet li tmur titma' pazjent iehor li kien ser johdilha ammont ta' hin li matulu certament kien ser jilhaq jasal l-ikel ta' Darmanin; (ii) naqset li tivverifika l-ikel li ngieb kien adattat ghal John; (iii) naqset li tara li l-ikel kien mghaffeg b'mod li seta jittiekel minnu u jekk ma kienx ghadu gie mghaffeg, tghaffgu hi stess; (iv) ghall-perjodu kollu tul il-hin tal-ikel Darmanin ma kienx issorveljat minnha, u (v) meta dahhlu lil John lura rat il-platt tieghu li kien fih tigiega b'gidma nieqsa.**

Illi **David Sant** spjega x-xoghol ta' *nurse*. Iddeskriva kif kienu 4 *nurses* xoghol dakinhar b'wahda, Svetlana Busuttil, tispicca f'12pm li kellha *nurse* ghall-*orientation* assenjata maghha. Fl-*allocation* tieghu kellu lil John Darmanin, izda meta telqet Svetlana kull *nurse* kellu 11 il-pazjent.[122] L-ikel jitqassam min-*nursing aids* li jahdmu bhala *team* fejn jghinu lil xulxin. L-ikel jitqassam fil-hin li jkun qed jinghata t-treatment li jsir biss min-*nurses*.[123] Dakinhar hu kien qed jaghti *treatment* x'hin beda jitqassam l-ikel; l-ikel tal-pazjenti tieghu ma kienx ghadu wasal. Lahaq ha lura t-*trolley* tal-pilloli fit-*treatment room* meta ltaqa' ma Svetlana li minhabba li kienet impenjata mal-konsulent fil-*ward round* talbitu jibqa' man-*nurse on orientation* sakemm taghmel it-t*reatment* ta' patients 9 sa 16.[124] *"Jien bqajt maghha sakemm lestiet it-treatment"* biex ma tithalliex taghmel xoghol daqshekk importanti fuq persuna *on training*.[125] Kif lesta minn maghha

[121] Fol.400
[122] Fol.433
[123] Fol.434
[124] Fol.438-439
[125] Fol.440

mar lura fl-*allocation* tieghu fejn *"kien lahaq wasal l-ikel tal-pazjenti…**Bed 24 kien diga lahaq kiel**, ghaliex it-tray tieghu kien lahaq beda jingabar mid-domestics,…. Bed 23 kien ghaddej bil-magna tal-feeding, **Bed 22 kien lest mill-ikel …qalli ha t-tray, ghax jien ma rridx niekol aktar…tajtu lid-domestics**, u, ovvjament, komplejna. …..**John Darmanin, l-ikel kien f'tarf is-sodda, jigifieri ma kienx quddiemu** generalment meta pazjenti jkunu lesti mill-ikel jaghmlulhom fil-genb, …din kienet, jigifieri, lejn is-saqajn, il-boghod mill-pazjent**….il-cutlery kienet miftuha, l-ghotjien …ma kienux f'posthom …it-tray kien il-boghod minn quddiem il-pazjent….u fejn saqajn is-sodda**….**John Darmanin kien bilqeghda, normali, fuq is-sodda tieghu**, bilqeghda fuq is-sodda tieghu…kont hsiltu, kien normali bhas-soltu…., **nassumi, li kien ha jingabar mid-domestics**".*[126] Dan kien circa l-12pm peress li Katya qaltlu biex jibdew jahsbu biex jittiehdu l-*breaks* ***"….jien ghidtilha, li mill-allocation tieghi, il-pazjenti kienu orrajt, li kienu lesti, jigifieri, li kienu orrajt".*** Darmanin kien ser jigi *discharged* l-ghada, indikazzjoni li ma kienx taht *constant watch.*

Sant jispjega x'ried ifisser meta qalilha li l-pazjenti tieghu *"kienu orrajt".* Ikunu tnizzlu fuq il-pultruni, nghataw it-*treatment,* tbiddlulhom il-hrieqi, l-ikel ikun tqassam u jkun qed jingabar *"Dak il-hin l-ikel kien qieghed jingabar mill-allocation tieghi, jiena rajt, li l-pazjenti tieghi, kienu orrajt*[127]*…..sa nofsinhar…it-trays ikunu diga ngabru…x'hin kont qieghed fil-kamra ta' Bed 21 sa Bed 24, dak il-hin, it-trays kienu diga qeghdin jingabru..imbghad jiena mort ghall-break."*[128] Wasal lura s-sala xi 12:45pm fejn gie nfurmat x'kien gara u sab lil John bil-purtiera mdawra maghluqa.[129]

---

[126] Fol.444
[127] Fol.447
[128] Fol449-450
[129] Fol.450

In kontro-ezami jixhed li ha l-*break* xi nofsiegha wara li tqassam l-ikel li kien ghall-habta tal-11:30am.[130] Jemfasizza li wara li lesta l-*allocation* tieghu, l-ikel kien ghadu ma wasalx u b'hekk mar *supervision* man-*nurse on training*. <u>Meta mar lura sab lil Darmanin bl-ikel il-boghod minnu u bil-*cutlery* miftuh</u> *"John Darmanin kien kiel….l-ikel kien il-boghod minnu, ovvjament xi had tahulu, ghax ma qabadx it-tray hu, u poggieh fuq il-mejda tieghu, u xi hadd, ovvjament, nehhilhulu minn quddiemu, ghax, dak li jkun, ikun qed jiekol, ha jkun qed jiekol, bl-ikel quddiemu"*.[131]

**Jikkonferma li tul il-hin tal-ikel Darmanin ma kienx *supervised* minnu peress li kien qed jakkumpanja in-*nurse on orientation* fl-ghoti tat-*treatment* ta bed 9 sa 16 kif intalab minn Svetlana.**[132]

Malli spicca jaghmel dan ix-xoghol, mar lura fl-*allocation* tieghu u ra li John kien gja kiel *"kien bilqeghda fuq is-sodda….ma kellu l-ebda sinjali."*[133] Iddecieda jaghti priorita` li jghin lin-*nurse on training* fl-ghoti ta' *treatment* lil Beds 9-16 minhabba li kien imperattiv li l-pazjenti jinghatw id-doza adatta ghalihom, u din kienet barranija li ma kienitx taf il-pazjenti.

Fuq mistoqsijiet tal-Qorti diversament preseduta, jaghmel is-segwenti ammissjoni li timpingi direttament fuq il-mertu tal-akkuza addebitata lilu. Jikkonferma li **galadarba rah bl-ikel imbieghed minnu, <u>assuma</u> li John kiel. Jammetti li qabel ma hareg fuq il-*break* ma vverifikax ma John jekk riedx jiekol jew riedx ikompli jiekol *"ma qaghdtx niccekja it-tray….jien rajtu***

130 Fol.456
131 Fol.459-461
132 Fol.461; Vide fol.439-440
133 Fol.461

***trankwil, bhas-soltu, fuq is-sodda….".***[134] Kien hemm obbligu fuq min ta t-*tray* lil Darmanin li jara li dan jigi *supervised.*[135] Sal-hin li hallieh biex imur f'*allocation* ohra, l-ikel ma kienx ghadu wasal. Ghal Sant *"min tah it-tray, seta` qaghad hu jaghmillu supervised while eating"* izda hu ma qal lil hadd joqoghod mieghu ghaliex in-nota ma soddtu kienet diga` tindika dan maghdud mal-fatt li Darmanin kien ilu 3 xhur rikoverat u b'hekk l-istruzzjonijiet dwaru kienu maghrufa.[136] Meta gie lura mill-*break* u staqsa min tah l-ikel, hadd ma wiegeb *"Dan ma qabadx u hadu hu…hadd ma wiegeb min qassam l-ikel.".*[137] Jemfasizza li l-*handover* ma jinghatax lin-*nursing aid* izda lin-*nurse*.[138]

Isemmi li sal-hin li kien mar jaghti *handover* lil Katya Gauci *"…X'hin kont qieghed minn Bed 21 sa 24 it-trays kienu ngabru…tal-kamra ta' fejn kont allokat jien, ingabru t-trays …..u 21 ovvjament lahaq ingabar, sakemm jiena kont qed niddiskuti ma Katia, qabel il-brejk, qabel ma mort ghall-brejk….Kien ingabar, jigifieri, u ma kien hemm l-ebda…Ma kellux ikel quddiemu…[Qorti: l-ikel tieghu ingabar, it-tray ma kienx quddiemu izjed. Cert minnha inti din?] Cert, mela*[139]*…..jiena kif tlaqt it-tray kien ingabar"*[140]. Ghalhekk meta Sant jghid li t-tray ingabar dan jghidu mhux ghax ra it-tray efftivament jingabar, jew f'xi hin ma baqax jara iktar it-tray fil-kamra, izda ghalih galadarba l-ikel ma baqax quddiem il-pazjent, assuma li l-ikel kien ingabar tant li jixhed hekk: ***"nassumi, li kien ha jingabar mid-domestics".***[141] Konferma ta' dan hu l-fatt li ma jeskludix John seta' ha gidma

[134] Fol.464
[135] Fol.466
[136] Fol.471
[137] Fol.472
[138] Fol.476
[139] Fol.480
[140] Fol.482
[141] Fol.444

mill-ikel tieghu stess fil-hin li hu kien fuq il-*break* *"X'hin jien kont ghall-brejk, imbghad ma nafx il-pazjent x'ghamel…ma nistax nghidlek jiena"*.[142]

**Bl-ammissjoni tieghu Sant jikkonferma li: (i) lil Katya Gauci infurmaha li l-pazjenti tieghu kienu lestew mill-ikel (meta jirrizulta evidentement li ma kienx il-kaz u b'hekk hi naqset milli taghmel xi sorveljanza fuq Darmanin); (ii) naqas milli jivverifika jekk John kienx verament spicca jiekol; (iii) naqas milli jivverifika jekk l-ikel li nghata kienx addattat ghalih; (iv) naqas li jirrendi l-ikel tieghu fi stat li jista' jittiekel minnu, u cioe` billi jigi mghaffeg u (v) naqas jissorvelja lil Darmanin tul il-hin tal-ikel. Dan meta kien jaf li minn hin ghall-iehor kien ser jibda jitqassam l-ikel u li John kien bniedem wikkiel, ibghati mid-*dementia* u maghruf li *he wanders off*. Jekk kellu jallontana ruhu man-*nurse on orientation*, minn tal-inqas kellu jinforma lin-*nursing aid* jew lil xi hadd iehor sabiex jipprestaw id-dovuta attenzjoni ghal John fin-nuqqas tieghu!**

Fil-fatt meta talab lil Katya Gauci tiehu *handover* sabiex hu jmur *break*, hi li kienet qed titma pazjent, sejjhet *carer* sabiex tkompli minflokha! Hekk kellu jsir anke f'dan il-kaz sabiex ikun assigurat li l-istruzzjonijiet mahruga fir-rigward ta' John qed jigu osservati minn xi hadd minfloku galadarba ddecida li kellu jaghti priorita` it-*treatment* man-*nurse on orientation*.

**David Sant jammetti wkoll li ghamel zewg assunzjonijiet: (i) assuma li John kien spicca mill-ikel ghaliex il-platt ma kienx aktar quddiemu u (ii) assuma li t-tray ser jingabar mid-*domestics*, u b'hekk ma nehhiehx jew minn tal-inqas ordna li jitnehha mid-*domestics*.**[143]

[142] Fol.481-482
[143] Fol.442-444

**Inspjegabbli hu l-fatt li meta kien konxxju li John ma kienx jitkellem, baqa' ma vverifikax jekk John, li kien wikkiel,[144] kienx effettivament kiel. Kien konsapevoli li kien hemm struzzjonijiet li dan ma jithallix minghajr sorveljanza waqt il-hin tal-ikel izda madanakollu lanqas indennja ruhu jivverifika jekk il-platt thalliex fejn kien ghax John lanqas kien ghadu beda jiekol u cioe` jekk thalliex hemm ghax l-ikel kienu ghadu ma giex mghaffeg b'mod li John seta' jieklu.**

**Mhemmx dubbju li David Sant kellu obbligu jara li sakemm it-*tray* tal-ikel jibqa' *within reach* tal-pazjent hu jaghti daqqa t'ghajn lil John jew minn tal-inqas jassigura ruhu li l-ikel jitnehha mill-vicinanzi tieghu. Kien dan in-nuqqas kif ukoll in-nuqqas tieghu milli jzomm sorveljanza fuq Darmanin, pazjent allokat lilu, li jammonta ghal negligenza u traskuragini da parte tieghu.**

Ikkunsidrat,

<u>**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**</u>

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**, dik il-Qorti kkunsidrat:[145]

"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

3. *la possibilita di prevedere.*

---

144 Fol.342

145 Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deczia 28.02.2018; Appell Nru.89/2017

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)".[146]

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-*culpa*, "*… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere*."

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk: "*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

L-**Antolisei**, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline).*
*Quindi occorrono due requisiti:*
*a) la violazione di una regola;*
*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*
*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

[146] Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990

Awturi ohra bhal **Mantovani** u il-**Padovani** jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-*culpa* fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

*1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*

*2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*

*3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*

*4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*[147]

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alexander-Roger Manche**:[148]

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari…….

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli**, (04/02/1961), il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenrza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannus involontarju;**

**"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana**

---

147 http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

148 Per Onor. Magistrat Edwina Grima; Deciza 6 t'Awissu, 2013

**identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27 , p. 46);**

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

:"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.

Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*."

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:

1. **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
2. **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**

3. **l-element tal-prevedibbilita'**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:

1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Illi kif diga inghad mill-Qorti sabiex jigi ezaminat l-eghmil ta'l-imputat u jekk dana kienx negligenti, imprudenti u non kuranti dana irid necessarjament jigi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar l-grad ta'responsabbilta' li ghandu jigi ezercitat minn tabib jew kirurgu fl-esercizzju tal-professjoni tieghu. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi mhux kull zball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment dana ma ikunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza. Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs Louis Portelli, l-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghal dak stabbilit mill-awtur **Giovanni Cattaneo** fit-tratta tieghu "*La responsabbilta del professionista*" fejn ighid:

"**L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negativo, si sopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo' rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente**."

Ikompli:

"**Cosi' inteso, l'errore professionale e' allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che e' causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore proessionale viene percio' a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualita', che e' invece presente in caso di errore colpevole. Se cio' e' vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perche' non aggiunge nulla al concetto di casualita' che e' lo stesso**

**per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilita' professionale ... Si puo' solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a seconda che l'esito della attivita' dipenda, oltre che dall'attivita' del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone.**"

Illi fis-sentenza iccitata intqal:

"**Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti taghmel taghha, ghall-apprezzament tal-provi il-kliem ta' Cogliolo (Teorie Delle Colpe, Vol,II, p.137):-'Nelle professioni c'e tutto un campo insindicabile ed inespugnabile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe' di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina'**."

Illi l-Imhallef Flores f'din is-sentenza ighallimna illi f'kaz tal-professjonista id-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu. Jekk jiehu zball fil-professoni tieghu, huwa ma jirrispondiex ghad-danni jekk l-izball ma jkunx grossolan u jekk tkun giet minnu adoperata d-diligenza ordinarja li trid il-ligi. Huwa mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenocche' dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenocche' l-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja.

Fl-istess vena fis-sentenza **Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et** gie deciz:

"**Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke' il-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, dilgenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'**."

Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta' tat-tabib. Iwiegeb hekk il-Laurent[149]:

"**Non e' possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita' dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono**

[149] Principio di Diritto Civile VolXX para 156 pg.422

**infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta' professionale a d'uopo che taluno abbia comesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se' medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia a al diritto tutto quanto loro appartiene**."

Ukoll l-Archbold jishaq:

"**A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence.**"

Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-preveddibilita' rikjest fid-dritt penali. Dana ghaliex l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaguna hsara li hija prevedibbli bhala konsegwenza ta'l-azzjonijiet tieghu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' iwassal ghal htija…….

Issir riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-House of Lords **Regina v. Adomako (Appellant) (On Appeal from the Court of Appeal (Criminal Division)).** Din id-decizjoni kienet tittratta punt ta' dritt[150] li gie riferut lil House of Lords mill-Court of Appeal (Criminal Division). Adomako, kien optalmologu li nstab hati ta' *manslaughter.* Gie deciz li:[151]

---

150 …… *"The Court of Appeal Criminal Division dismissed the appellant's appeal against conviction but certified that a point of law of general public importance was involved in the decision to dismiss the appeal, namely: In cases of manslaughter by criminal negligence not involving driving but involving a breach of duty is it a sufficient direction to the jury to adopt the gross negligence test set out by the Court of Appeal in the present case following R. v. Bateman (1925) 19 Cr. App. R. 8 and Andrews v. Director of Public Prosecutions [1937] A.C. 576, without reference to the test of recklessness as defined in R. v. Lawrence (Stephen) [1982] A.C. 510 or as adapted to the circumstances of the case?"*

151 **R v Adomako [1994]** UKHL 6 (30 June 1994)

That the question certified by the Court of Appeal (Criminal Division) on the 15th day of June 1993 be answered with a declaration that:

> "In cases of manslaughter by criminal negligence involving a breach of duty, it is a sufficient direction to the jury to adopt the gross negligence test set out by the Court of Appeal in the present case following *Rex. v. Bateman* 19 Cr.App. R.8 and Andrews *v. DPP* [1937] AC 576 and it is not necessary to refer to the definition of recklessness in *R.-v. Lawrence* [1982] A.C. 510, although it is perfectly open to the trial judge to use the word "reckless" in its ordinary meaning as part of his exposition of the law if he deems it appropriate in the circumstances of the particular case";

Gie kkunsidrat dan mill-Lord Chancellor, Lord **MACKAY OF CLASHFERN:**

……The Court of Appeal held that except in cases of motor manslaughter the ingredients which had to be proved to establish an offence of involuntary manslaughter by breach of duty were the existence of the duty, a breach of the duty which had caused death and gross negligence which the jury considered to justify a criminal conviction; the jury might properly find gross negligence on proof of indifference to an obvious risk of injury to health or of actual foresight of the risk coupled either with a determination nevertheless to run it or with an intention to avoid it but involving such a high degree of negligence in the attempted avoidance as the jury considered justified conviction or of inattention or failure to advert to a serious risk going beyond mere inadvertence in respect of an obvious and important matter which the defendant's duty demanded he should address;……

Like the Court of Appeal your Lordships were treated to a considerable review of authority. I begin with ***Rex. v. Bateman* 19 Cr. App. R. 8** and the opinion of Lord Hewart C.J., where he said, at pp. 10-11:

> "In expounding the law to juries on the trial of indictments for manslaughter by negligence, judges have often referred to the distinction between civil and criminal liability for death by negligence. The law of criminal liability for negligence is conveniently explained

> in that way. If A has caused the death of B by alleged negligence, then, in order to establish civil liability, the plaintiff must prove (in addition to pecuniary loss caused by the death) that A owed a duty to B to take care, that that duty was not discharged, and that the default caused the death of B. To convict A of manslaughter, the prosecution
> must prove the three things above mentioned and must satisfy the jury, in addition, that A's negligence amounted to a crime. In the civil action, if it is proved that A fell short of the standard of reasonable care required by law, it matters not how far he fell short of that standard. The extent of his liability depends not on the degree of negligence but on the amount of damage done. In a criminal court, on the contrary, the amount and degree of negligence are the determining question. There must be mens rea."…..
> ….

Next I turn to ***Andrews v. Director of Public Prosecutions*** **[1937] A.C. 576** which was a case of manslaughter through the dangerous driving of a motor car. In a speech with which all the other members of this House who sat agreed, Lord Atkin said, at pp. 581-582:

> "….. In the present case it is only necessary to consider manslaughter from the point of view of an unintentional killing caused by negligence, that is, the omission of a duty to take care. …..

In my opinion the law as stated in these two authorities is satisfactory as providing a proper basis for describing the crime of involuntary manslaughter. ……

On this basis in my opinion the ordinary principles of the law of negligence apply to ascertain whether or not the defendant has been in breach of a duty of care towards the victim who has died. If such breach of duty is established the next question is whether that breach of duty caused the death of the victim. If so, the jury must go on to consider whether that breach of duty should be characterised as gross negligence and therefore as a crime. This will depend on the seriousness of the breach of duty committed by the defendant in all the circumstances in which the defendant was placed when it occurred. The jury will have to consider whether **the extent to which the defendant's conduct departed from the proper standard of care incumbent upon him,**

**involving as it must have done a risk of death to the patient, was such that it should be judged criminal.**

Ghalhekk maghmula dina l-esposizzjoni legali in materja, il-Qorti ser tghaddi issa biex tapplika l-istess ghal fattispecje tal-kaz in dizamina.

Illi fl-ewwel lok qed jigi sottolinejat li in linea mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (h) ta' 1-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, liema regola giet kostantement applikata mill-qrati taghna, koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.[152] Ghalhekk dak li imputat/a xehed/xehdet fl-ambitu ta' dawn il-proceduri ma jiswiex bhala prova favur jew kontra l-ko-akkuzat/a l-iehor/l-ohra.

i. Illi Sandra Lughermo kkonfermat li Sant, *staff nurse*, kien *duty* dakinhar tas-sinistru. Maria Bondin kienet in-*nursing officer* tieghu.[153] Carol Bonnici kienet *nursing aid* dakinhar u n-*nursing officer* taghha kienet ukoll Bondin.[154] Maria Bondin kienet impjegata bhala c*harge nurse*. Ghalkemm l-imputati kollha kienu jibdew xoghol fis-6:45am Sant dahal ghax-xoghol 31 minuta qabel u Bonnici 45 minuta qabel.

---

[152] Vide ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri***, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; ***Il-Pulizija v. Toni Pisani***, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; ***Il-Maesta` Tieghu r-Rev. Karmenu Vella***, Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; ***The Police v. Alfred W. Luck et***, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara***, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et***, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius***, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u *passim* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et***, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

[153] Fol.262 Dok.SL2

[154] Fol.280-1, Dok. SL3

ii. Illi gie ppruvat li David Sant kien in-*nurse* allokat ma' John Darmanin,[155] filwaqt li Carol Bonnici kienet in-*nursing aid*.[156] Gauci tikkonferma li qabel l-12pm, in-*nurse* Sant u n-*nursing aid* Carol Bonnici kienu responsabbli ghal Darmanin[157] li kien f'Bed 21.[158] Kemm Carol Bonnici[159] kif ukoll Sant jikkonfermaw li John Darmanin li kien f'Bed 21 kien jaqa' f'*allocation* taghhom.[160]

iii. Illi Bonnici kienet allokata ma Sant sabiex tiffacilitalu ix-xoghol.[161]

iv. Illi fi kliem Loreta Cascun ikun hemm *allocation* li fiha pazjent jigi allokat *nurse* u *carer; allocation* tfisser li *"the ultimate responsibility, tkun dik in-nurse u l-carer."*[162] In-*nursing officer* tikkowordina x-xoghol tas-sala.[163] Dan tikkonfermah Katya Gauci ukoll meta tispjega li *nursing officer "tara li l-istaff qieghed maqsum kif suppost u kulhadd jibda fuq xogholu…naraw l-allokazzjoni li tkun saret minn gurnata qabel, naraw li kull min hu miktib qieghed hemmhekk."*[164] Rigward l-ikel irrizulta li dan kien jigi ordnat mill-*carer* izda fl-ahhar mill-ahhar kien/et in-*nurse* li j/ticcekja l-ghazla kienitx adatta ghall-pazjent[165] Gauci wkoll tikkonferma li l-ikel kien jintghazel minn tlett ijiem qabel, kienu n-nursing aids li jiehdu l-ordni u jiccekjawh in-nurses.[166] Ir-

[155] Xhieda Sant a fol.432-433
[156] Vide xhieda Ufficjal Investigattiv a fol.17, u **Dok.GA4** a fol.29. Xhieda Katya Gauci a fol. 139-140; fol.351 u fol. 113-114.
[157] Fol.139-140
[158] **Dok. GA4** a fol.29
[159] Fol.390 u 395
[160] Fol.432
[161] Fol.139-140
[162] Fol.213
[163] Fol.221
[164] Fol.123
[165] Fol.216 – xhieda Cascun
[166] Fol.143 - xhieda Gauci

responsabilita` biex jitqassam l-ikel kienet tan-*nurse* jew il-*carer* allokati mal-pazjent koncernat.[167]

v. Il-platti kienu jithallew mal-pazjent u skond il-bzonn ta' kull pazjent dan kien jigi mitmugh jew assistit skond kif mehtieg.[168]

vi. Illi qabel ma hareg ghal break Sant qal lil Gauci li *"l-pazjenti l-ohra kienu sew."*[169]

vii. Katya Gauci tikkonferma li Darmanin kien maghruf li kellu l-abbititudini li jmur f'xi post jinza gharwien[170] Ghalhekk jirrizulta li Darmanin ma kienx *bed-ridden*. Seta' u kien, liberament jinzel minn soddtu u jitlaq idur mas-sala *"mhux l-ewwel darba li prova johrog barra mis-sala"*. [171] <u>Aktar kellha tigi prestata attenzjoni ghall-persuna b'kondizzjonijiet simili.</u>

viii. Illi x-xhieda ta' Katya Gauci sservi wkoll biex jigi stabbilit il-hin li tqasssam l-ikel lil John Darmanin – beda jitqassam fil-11.20am u in-naha ta' Darmanin tqassam meta kienu xi 11.30am. [172] Il-hin tal-11.30am hu l-istess hin li jindika Sant.[173] Bonnici ukoll tindika li l-ikel beda jitqassam dak il-hin ghalkemm tghid li l-ikel ta' John ma wasalx mill-ewwel.[174]

---

[167] Fol.217 – Xhieda Cascun
[168] Fol.115
[169] Fol.114 - xhieda Gauci
[170] Fol.99 tal-Proces Verbal, Vol. I
[171] Fol.125
[172] Fol.115
[173] Fol.456
[174] Fol.411

ix. Sant hareg ghall-break fl-12pm filwaqt li kienu bejn l-12.10[175]-12.15pm meta nstab John; ftit mumenti biss wara li Bonnici gibditilha l-attenzjoni li ma kienx f'kamartu.[176] Din it-*time-line* issib korroborazzjoni minn dak li jixhdu kemm Dr. Cordina[177] kif ukoll Maria Bondin[178] fejn jinghad li John inghata CPR ghal xi 20 minuta bil-mewt tigi registrata li sehhet fil-12.30pm. Maria Bondin fil-fatt issemmi li semghet kommozzjoni ghal xi 12pm jew ftit qabel.[179]

x. Ghaldaqstant <u>mill-hin li tqassam l-ikel sakemm instab John ghaddew madwar 30 - 40minuta</u>.

xi. Irrizulta minn dak li xehedu Dr. Bugeja[180] u Dr. Cordina[181] li fil-hin li nghata CPR minn halq Darmanin nhareg ikel, fatt li tikkonfermah ukoll Maria Bondin li kienet pronta tnehhi ikel minn halq Darmanin.[182]

xii. Sant issemmi li qabel ma hareg ghall-break fl-12pm John kien lest mill-ikel izda it-tray kien ghadu ma ngabarx. Bix-xhieda tieghu jammetti li meta rritorna minn man-*nurse on training*, kien ghadda bizzejjed zmien mill-hin li tqassam l-ikel li filwaqt li pazjent kien lesta, iehor kien xeba u qallu jiehu l-platt u ghalhekk tah lid-*domestics*. Dan l-interval jissarraf f'hin perjodu ta' <u>20-30 minuta</u>, fejn bl-ammissjoni tieghu stess mar jakkumpanja lin-*nurse on training.*

[175] Tghid ghaddew ghaxar minuti wara li hareg ghal break Sant li Bonnici qaltilha li John ma kienx fil-kamra – fol.128
[176] Fol.125
[177] Fol.168
[178] Fol.369
[179] Fol.366
[180] Minn halqu inharget *"bicca materjal tal-ikel bajda"* – fol.64
[181] Fol.167 - *"vicin ras tal-pazjent kien hemm bicca ikel…"*
[182] Fol.378

xiii. Mill-banda l-ohra Carol Bonnici tammetti li hadet madwar 15-20 minuta biex titma lil Grixti. F'dak il-perjodu ma ghamlet l-ebda supervizjoni fuq Darmanin. Tikkonferma li meta John iddahhal lura f'kamartu, kien hemm il-platt tieghu ghadu ma ngabarx u kien hemm gidma nieqsa mit-tigiega (fatt li jiswa biss bhala prova fil-konfront tal-istess Bonnici).

xiv. Illi **John kien ikollu aptit jiekol *"Kien ihobb jiekol, kien jghommod ftit u jibla ghalhekk kien mashed*** *ghaliex il-ftit li kien jghomod kien ha prattikament jkompli jkisser il-ftit li jkun fadal* ***once li timmashja l-ikel u kien jibla bla problem ta' xejn."****;* kull ma kellu bzonn kienet *supervision*.[183]

xv. Illi mir-rapport tal-awtopsja[184] rrizulta li John Darmanin *"died following choking on solid food"*. Fil-fatt inghad *"Autopsy revealed a large bolus of food obstructing the opening of the larynx, consisting with choking. Further evidence of choking was found as particles of food were present in the distal left main bronchus and its branches and a moderate amount of similar solid food pieces were present in the stomach".*[185]

xvi. Illi c-certifikat tal-mewt jipprovdi: ***"Asphyxia due to food aspiration due to frontal lobe dementia".*** [186] Ghalhekk tirrizulta konnessjoni bejn id-*dementia* tal-pazjent u l-inabilita` tieghu li jiekol liberament. Fil-fatt Dr. Vassallo jikkonferma li Darmanin kien ibaghti minn ***"cognitive impairment….minhabba problem ta' dementia, kien***

[183] Fol.342
[184] Fol.28 et seq.
[185] Fol.30
[186] Fol.21

***hemm problem fl-attivitajiet ta' kuljum.*** *Jigifieri biex jinhasel, jilbes..."*.[187]

xvii. Illi Dr. Vincent Bugeja jsemmi kif Darmanin kellu kundizzjonijiet psikjatrici fejn kien ikun dizinibit u kien qed jinza fil-ward. ***"Kawza ta' forma ta' dementia John ma kellux il-potenzjal li jiekol wahdu,*** *jiggifieri ma setghax jghomod u jibla l-ikel wara li jkun ghomodu, biex jibla fil-fatt kellu problema illi* ***l-ikel jghaddi fil-pipe tan-nifs***. ***Kellu jiekol b'supervizjoni****, b'dieta specjali konsistenti f'soft diet foods u thickened fluids* ***under supervision****….."*.[188]

xviii. Dr. Bugeja spjega li *"indunajt illi* ***kellu bicca ikel, jista' jkun kienet bicca tigiega, li kienet qed tiblokalu l-airway****, nehhejnielu u komplejna is-CPR."*[189]

xix. Irrizulta li ***"****jekk [Darmanin] ha jiekol xi haga regular li jkollha bzonn hafna x'jomod il-pazjent ovvajment ma jkunx lahaq kissirha bizzejjed f'halqu* ***…****jkun hemm* ***obstruction of the airway****…. "*.

xx. Is-*supervision* kellha ssir minhabba l-kundizzjoni mentali tieghu.[190]

xxi. Illi fil-fatt irrizulta kif ikkonkluda Dr. Mario Scerri li *"il-kawza tal-mewt keinet minhabba asphyxia kkagunata minn* ***obstruction of the airway".***

---

[187] Fol.163
[188] Fol.22 tal-PV
[189] Fol.22 tal-PV.
[190] Fol.52-53 – xhieda Chetcuti Galea

**Tenut kont li *"waqt l-ikel* ikollu *supervision* *waqt il-hin ta' l-ikel* ikun *supervised"*[191] minn hawn jirrizulta li ghal perjodu ta' madwar 30 minuta John Darmanin thalla b'ikel *within reach* u minghajr supervizjoni.** Dawk inkarigati mis-supervizjoni tieghu kienu David Sant u Carol Bonnici, il-persuni allokati mieghu.

**Ghaldaqstant jirrizulta ampjament ppruvat li la Sant u lanqas Bonnici ma ghamlu dak mistenni minnhom. Naqsu f'ghemilhom u mid-*duty of care* lejhom meta ttraskuraw pazjent allokat lilhom. Kienu negligenti u non-kuranti f'ghemilhom, anke jekk ghall-perjodu limitat hafna, meta naqsu jissorveljawh fil-hin tal-ikel.** Ma jridx jintnesa li John kien wikkiel[192] u minhabba id-*dementia* u l-kondizzjoni tieghu li ma kienx jaf jghomod sew. Bla dubbju kien hemm nuqqas kbir meta dan thalla fil-vicinanza t'ikel minghajr supervizjoni.

**In-nuqqas ta' sorveljanza tikkostitiwxxi n-ness mehtieg bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha da parti ta' David Sant u Carol Bonni u l-event dannuz, il-mewt ta' John Darmanin. Irrizulta li Darmanin kien f'riskju li jekk ma jinghatax daqqa t'ghajn waqt il-hin tal-ikel dan seta' jifga ghax l-ikel kien jinzel fil-pipe tan-nifs.** Fil-fatt Dr. Bugeja semma l-kundizzjoni li kien hemm riskju rejali taghha; kundizzjoni li fl-ahhar mill-ahhar wasslet ghall-mewt ta' John Darmanin *"obstruction of the airway"*.

**Gie ampjament ippruvat li John miet kawza t' *obstruction of the airway* minn ikel li nghata minghajr bl-ebda mod ma gie sorveljat minn dawk li f'idejhom gie fdat; dawk li tahthom kien allokat!** Dawn naqsu milli jissorveljawh ghal madwar 20-30 minuta, hin minn meta tqassamlu l-ikel

---

191 Fol.49
192 Fol.342

sakemm wasal il-hin sabiex Sant hareg *break* u Bonnici spiccat titma lill-pazjent l-iehor.

**Id-dmir taghhom kien li jassiguraw rwiehom li John Darmanin jinghata ikel adattat billi-**

**(a) jaccertaw rwiehom li l-ikel servut kien adatt ghall-pazjent; u cioe`**

**(b) li jigi *se jigi mghaffeg u jkun mghaffeg sew ovvjament";*[193]**

**(c) li jigi *supervised* waqt il-hin tal-ikel – hin li matulu l-ikel ikun ghadu *within reach* tieghu tenut kont li *"Kawza ta' forma ta' dementia John ma kellux il-potenzjal li jiekol wahdu, jiggifieri ma setghax jghomod u jibla l-ikel wara li jkun ghomodu, biex jibla fil-fatt kellu problema illi l-ikel jghaddi fil-pipe tan-nifs….."*,[194] u li *"jekk ha jiekol xi haga regular li jkollha bzonn hafna x'jomod il-pazjent ovvajment ma jkunx lahaq kissirha bizzejjed f'halqu …jkun hemm obstruction of the airway…. "*.[195]**

Illi fir-rigward ta' Carol Bonnici n-nuqqas taghha mhux dovut ghall-fatt suggerit mill-abbli difiza fit-trattazzjoni taghha u cioe` li ma kelliex *"X-ray eyes li tara minn gol-hitan"* jew ma kellhiex poteri ta' Padre Pio, imma dovut ghall-fatt li galadarba kienet konsapevoli li l-platti jitqassmu fl-istess hin, u li minn hin ghall-iehor kien ser jasal l-ikel ta' John li kellu bzonn ikun sorveljat - u fi kliemha stess l-ikel kellu jigi verifikat li jkun adattat ghalih[196] billi jigi mghaffeg sew - xorta ghazlet li tibda titma pazjent iehor li kienet konxxja li kien jirrikjedi minn tal-inqas kwarta-ghoxrin minuta biex titimghu.[197] **Il-fatt li ssemmi li kien hemm gidma nieqsa mit-tigiega, hi indikazzjoni li din ma**

---

[193] Fol.331

[194] Fol.22 tal-PV – Xhoeda Dr. Vincent Bugeja

[195] Fol.52-53 – xhieda Chetcuti Galea

[196] Fol.400

[197] Fol.418 - Xhieda Bonnici

**gietx mghaffga; ma kienitx ghada giet adattata biex setghet tittiekel minnu kif ordnat.**

Carol Bonnici qatt ma messa traskurat pazjent fuq iehor. Kellha diversi ghazliet quddiema tenut kont tac-cirkostanzi rizultanti. Setghet:
(a) l-ewwel taccerta ruhha li John kien *settled* imbghad tmur titma' lil Grixti; jew
(b) tibda titma lil Grixti izda mqarr ghal ftit sekondi tiehu pawza milli titma lil Grixti sabiex taghti "daqqa t'ghajn" lil John; jew
(c) issejjah xi kollega ohra li nghad li fil-hin tal-ikel jahdmu bhal *team* fejn kulhadd jghin lil xulxin, sabiex taccerta ruha li John qed jigi sorveljat jew li din il-kollega tkompli titma lil Grixti minflokha sakemm hi tissorvelja lil John.

Kienet negligenti billi ma pprevedietx il-konsegwenzi li nuqqas ta' supervizjoni da parti taghha fuq il-pazjent allokat lilha setghet twassal ghalihom minkejja li kienet konxxja tal-periklu li John kien ikun suggett ghalih kemm il-darba ma kienx sorveljat u moghti ikel adattat ghalih.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-prosekuzzjoni rnexxila tipprova sal-grad rikjest minnha illi l-agir ta' Carol Bonnici kien jaqa' taht il-livell ta' imgieba mistennija minnha fl-esercizzju tal-professjoni taghha, ghalkemm irid jigi sottolinejat li dan sar ghall-mottiv nobbli, il-kura u l-assistenza ghall-pazjent iehor.**

Illi fir-rigward ta' David Sant, in-nuqqas tieghu ma kienx dak li hareg ghall-*break* imma li fil-hin li kien ghadu *on duty* – qabel ma hareg ghall-*break* li kien intitolat ghalih[198]– naqqas milli jaghmel supervizjoni fuq John. Naqqas milli jaccerta ruhu jekk John, li ma kienx kapaci jikkomunika, kienx kiel billi jiehu l-

[198] Vide xhieda ta' Cascun u Colin Galea a fol.505-508

izbriga li jiccekja l-platt tieghu, u jekk kien kiel, jassigura li jnehhi l-platt tieghu kif ghamel ghall-pazjent ta' Bed 22. Dawn in-nuqqasijiet serjissimi da parti ta' Sant jirrizultaw mix-xhieda tieghu meta jammetti li ra li l-*cutlery* u l-ghotjien tal-platti kienu nfethu u li t-tray tal-ikel kien il-boghod minnu, izda madanakollu ma ghamel l-ebda verifika jekk Darmanin kienx verament kiel u jekk kiel kienx spicca jiekol. Minn tal-inqas minflok qal lil Gauci, kif wara kollox hu stess jammetti, li l-pazjenti tieghu kienu orrajt, kellu jghidilha li l-ikel kien ghadu fil-kamra u b'hekk hi setghet izomm ghajnejha fuqu. **Minflok izda assuma dak li kellu jivverifika.**

Fejn kien jaf Sant jekk Darmanin kienx ipprova jiekol izda ma setghax ikompli? Kif seta' jassumi li Darmanin kien xeba jiekol jekk lanqas ma ra x'kien hemm fil-platt taht l-ghotjien? Jekk emmen li Darmanin kiel kellu l-obbligu jara li l-platt jitnehha minn hdejh u jibqa' jtih dik id-daqqa t'ghajn sakemm il-platt gie effetivament mnehhi minnu jew jekk dan ma kienx xogholu – ghalkemm jghid li kien hu stess li nehha il-platt ta' bed 22 – jassigura ruhhu li jitnehha mid-domestici jew minn xi *carer*!

Kien hawn li d-*duty of care* li jinkombi fuqu kien jesigi li jivverifika jekk il-pazjent allokat lilu kienx kiel u/jew kienx lest mill-ikel. Ma ghamel xejn minn dan, assuma li l-platt ser jingabar mid-domestics *"**nassumi**, li kien ha jingabar mid-domestics"*[199], hallieh fil-kamra u mar jirranga ma Katya biex johrog *break.*

Huwa ghalhekk kuntrarjament ghal dak li ssostni l-abbli difiza ta' Sant, il-fatt li ddelega lil Katya Gauci qabel ma hareg ghall-*break,* ma ghandha l-ebda impatt fuq il-mertu tal-akkuza addebita; ma kien hemm nuqqas attribwibbli lil Katya Gauci; hareg ghall-*break* meta fi kliemu, iddecieda li John kien lahaq kiel ghax ra il-platt fis-saqajn. Fil-fatt Gauci tixhed li *Sant "qalli li kien sar il-hin biex*

[199] Fol.444

*nibdew il-break* ***u l-pazjenti l-ohra kienu sew"***[200] qalilha li l-*allocation* tieghu kienet *"Okay….Okay ghalina lesta".* [201] B'onesta u sincerita` David Sant jikkonferma dak li xehdet Gauci: *"jiena rajt, li l-pazjenti tieghi, kienu orrajt*[202]*…..sa nofsinhar…it-trays ikunu diga ngabru…x'hin kont qieghed fil-kamra ta' Bed 21 sa Bed 24, dak il-hin, it-trays kienu diga qeghdin jingabru..imbghad jiena mort ghall-break."*[203] **Ma jghidx li ntlahhqu ngabru izda li kienu qed jingabru, u cioe` fil-process li jingabru.**

Jirrizulta li meta hu mar man-*nurse on allocation,* konsapevoli li minn mument ghall-iehor kien ser jasal l-ikel ghal John, liema ikel kellu jigi rez addatat ghalih billi **jitghaffeg u jitghaffeg sew**, hu naqas fid-*duty of care* dovuta lejn pazjent fil-kustodja u kura tieghu, kien negligenti u ttraskura l-htiegijiet tieghu.

Illi dan ifisser li wara li John ma nghatax supervizjoni waqt l-ikel, *multo magis* huwa thalla bi platt ikel *within reach.* John ma kienx *bedridden* anzi risaput ghall-fatt li kien jitlaq u jdur il-kmamar. Dan kien bniedem li jhobb jiekol u **Sant konsapevolment halla tray tal-ikel fil-vicinanzi tieghu meta dan suppost kellu jigi sorveljat tul il-hin tal-ikel**! Jigi sottolinejat li filwaqt li Sant isemmi li bed 22 qallu li seta' jiehu t-tray ghax kien xeba – indikazzjoni li t-trays kienu jingabru minn nurses ukoll u mhux necessarjament mid-domestics[204] - ma kien hemm l-ebda indikazzjoni simili da parti ta' Darmanin.

Kien precizament ghalhekk li l-Qorti tqis hawn ukoll li David Sant naqas milli juza id-diligenza u prudenza mistennija minnu. Ghalkemm kien konxxju li John ma setghax jikkomunika sew, kellu oneru akbar jivverifika jekk kienx

[200] Fol.114 I
[201] Fol.141
[202] Fol.447
[203] Fol449-450
[204] Xhieda Colin Galea

spicca jiekol u jekk fl-affermattiv, iwarrab il-periklu minn hdejh kif ghamel ghall-pazjent f'bed 22; jekk ma jnehhiex il-platt hu kien obbligat jaghti struzzjonijiet biex dan il-platt jitnehha minn haddiehor!!

David Sant seta' jaghmel ghadd ta' affarijiet:

(i) jinforma lin-*nursing aid* Bonnici jew xi *carer* iehor/ohra li Darmanin kien *unattended* sakemm kien sejjer ibiddel lil Svetlana biex taghti daqqa t'ghajn hi; jew

(ii) iwaqqaf in-*nurse on training* milli tkompli taghti *treatment* sakemm jassigura ruhu li John inghata ikel li seta' jittiekel u cioe` jara li John gie *settled*; jew

(iii) galadarba kien ghad fadal hin sabiex Svetlana tispicca x-*shift* taghha jinfurmaha li ma setghax immur sakemm ikun gie *settled* Darmanin;

(iv) jaghti struzzjonijiet sabiex sakemm jigi lura minn man-*nurse on training*, John ma jinghatax ikel;

(v) jiddelga *nursing aid* jew *carer* tassigura li fin-nuqqas tieghu John kien servut ikel idoneju ghall-kundizzjoni tieghu – atti zghar li setghu salvaw bniedem;

**(vi)** Wara li haseb li John kien kiel, kellu obbligu jassigura li l-platt jingabar fizikament u ma jibqax *within reach* ta' John partikolarment jekk ma kienx ser issirlu supervizjoni peress li kien hiereg ghall-*break*. Minflok rrizulta li meta rritorna wara li kien akkumpanja lin-*nurse on training*, sabu bil-platt fin-naha ta' saqajn ***"nassumi,** li kien ha jingabar mid-domestics"*[205] – **fic-cirkostanzi ma setghax jassumi dak li suppost kellu jissorvelja u jaccerta ruhu li jsehh!**

---

205 Fol.444

Illi għalhekk ġie ppruvat li bi traskuraġini David Sant ma tax każ jekk:

(a) li l-ikel servut lil John kienx dak ordnat;

(b) li l-ikel kien ġie "***se jiġi mgħaffeġ u jkun mgħaffeġ sew* ovvjament**"[206]sabiex jippermetti lil John jiekol, inkella x'użu kien li jagħtuh platt b'ikel li setgħax jittiekel minnu?;

(c) li John kien verament spiċċa jiekol;

(d) li jassigura li l-platt tneħħa mill-viċinanzi ta' John. Jekk emmen li spiċċa jiekol ma kien hemm l-ebda raġuni li jitħalla b'ikel ħdejn riġlejh. Dan kien bniedem ibgħati minn *dementia* fejn l-azzjonijiet tiegħu kienu *unpredictable*; ta' persuna li tifhimx il-konsegwenzi t'għemilha u li trid tiġi assistita fl-inqas ħtiġijiet baziċi.

Għaldaqstant il-prosekuzzjoni rnexxila tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi l-aġir tal-imputat David Sant kien jaqa' taħt il-livell ta' imġieba mistennija minnu fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Kien traskurat, negliġenti u non-kuranti f'għemilu; in-nuqqas ta' sorveljanza tiegħu wasslet għall-mewt ta' pazjent affidat lilu, meta kellu u seta' faċilment ippreveda l-konsegwenzi li mankanza ta' sorveljanza ta' pazjent fil-kundizzjoni ta' John Darmanin kienet tista twassal għalihom.

## Konkluzjoni

**Magħruf li John Darmanin kien iħobb jiekol, tenut kont tal-kondizzjoni tiegħu fejn kien risaput li kien jgħomod u jaqbad u jibla l-ikel bir-riskju li jsoffri *obstruction tal-airway*,[207] kundizzjoni li eventwalment wasslet għall-mewtu, magħdud mal-fatt li kien afflitt mid-*dementia* u *wanderer*, kien**

[206] Fol.331

[207] Vide xhieda ta' Roberta Chetcuti Galea u ta' Dr. Vincent Buġeja

**hemm obbligu akbar li dan ikun sorveljat fil-presenza ta' ikel. Dan ma sarx la minn Sant u lanqas minn Bonnici, li lilhom gie allokat bhala pazjent.**

**Mewtu hija xhieda u rizultat tan-nuqqas taghhom li jaghmlu sorveljanza fuqu hekk kif kellhom l-obbligu li jaghmlu. Gie ampjament ppruvat in-ness bejn ghemilhom fejn ittraskurawh fil-presenza tal-ikel u l-mewta tieghu. Ghaldaqstant fl-agir tal-imputati Bonnici u Sant tirrizulta l-*culpa.***

Illi fir-rigward ta' Maria Bondin ma gie riskontrat l-ebda *culpa.* Ma jirrizultax li hi naqset minn xi dmir impost fuqha. Dakinhar assigurat ruhha li kull pazjent kien allokat ma *nurse* u *nursing aid*; assigurat ruhha li l-istruzzjonijiet relattivi ghall-kull pazjent inkluz dawk dwar il-htiega li John ikun ***Supervised while Feeding*** kienu in *plain sight* bl-is*taff* ikun mgharraf bihom: *"il-prudenza kienet tirrikjedi illi dan ma jithalliex unsupervised bl-ikel quddiemu…trid toqghod attent illi dan ma jithalliex f'riskju a kuntrarju ta' l-instructions illi kellek.".*[208]. Ghalkemm il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-ufficjal prosekutur li pazjenti b'certu bzonnijiet kellhom ikunu *housed* f'kamra wahda, madanakollu ma hemm l-ebda prova li permezz taghha jista' jinghad li Bondin kienet traskurata w negligenti fil-qaghdi ta' dmirijietha. Hi tispjega li ghazlet li tpoggi lil Darmanin fil-kamra li l-aktar kienet tara movimenti u b'hekk hu setgha jigi sorveljat ahjar.[209] Terga ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alexander-Roger Manche**:[210]

Il-Qorti ser tghalaq il-gudizzju taghha fuq dana il-kaz b'referenza ghal dak li qal Lord Denning fis-sentenza **Hucks vs Cole** (deciza 1968) billi l-kliem tieghu jirrispekkja perfettament il-hsibijiet li kellha din il-Qorti tul dana l-*iter* processwali:

[208] Fol.353 – Xhieda Maria Bondin
[209] Fol.366
[210] Per Onor. Magistrat Edwina Grima; Deciza 6 t'Awissu, 2013

"***A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations or medical treatment. A doctor was not liable for mischance or misadventure, or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or or favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practitioner in his field so much so that his conduct might be deserving of censure or inexcusable.***"

Bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li kien hemm da parti tal-imputata Bondin *"non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali".*[211] Ghall-kuntrarju fic-cirkostanzi ferm sfortunati ta' dana il-kaz Maria Bondin ghamlet dak kollu li setghet taghmel fic-cirkostanzi biex tassigura ruhha li Darmanin jinghata l-ahjar kura. Instemghu l-isforzi li din ghamlet biex tipprova issalvalu l-hajjtu.

**Fid-dawl tal-provi migjuba, l-elementi mehtiega ghal sejbien ta' htija ghar-reat tal-omicidju involontarju certament ma jistghux jissussistu fir-rigward ta' Maria Bondin izda qed tinstab htija biss fil-konfront tal-imputati Carol Bonnici u David Sant.**

Madanakollu gie kkunsidrat li n-nuqqas tal-imputati Sant u Bonnici ma sarx kapriccozament; Sant kien qed jissorvelja *nurse* li kienet on *training/on orientation* u Bonnici kienet qed titma pazjent li kien ferm aktar vulnerabbli minn John Darmanin. Id-dedikazzjoni taghhom lejn il-pazjenti tidher anke

[211] **Il-Pulizija vs Richard Grech;** Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

mil-fatt li ghalkemm kienu jibdew xoghol fis-6:45am, it-tnejn li huma jidher li kienu jirrapurtaw ghax-xoghol aktar kmieni milli rikjest.[212]

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ddeliberat fit-tul.

Illi dan ir-reat igorr piena massima ta' erba snin prigunerija jew *multa* li ma teccedix l-€11,646.87.

Ikkunsidrat li **l-piena qatt ma ser isservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**. Il-piena ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputat/i, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero` ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[213]

---

[212] Vide **Dok.SL2** a fol. 262 u **Dok. SL3** a fol.281

[213] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[214]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;….[215]

Illi David Sant u Carol Bonnici bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala minaccja ghas-socjeta`, anzi huma persuni li <u>b'vokazzjoni u dedikazzjoni jaqdu dmirijiethom ma dawk li l-aktar jinhtiegu ghajnuna</u>. Ma tezisti ebda htiega li l-piena li ser jircevu tissarraf f'deterrent generali. Certament is-socjeta` mhu sejra tibbenefika bl-ebda mod jekk jinghataw sentenza karcerarja. Il-fatt li jgawdu minn fedina penali netta maghdud mal-fatt li n-nuqqas taghhom ma kienx xi wiehed dovut ghall-menefregizmu anzi fejn il-provi juri l-kuntrarju, jimmilitaw li jinghataw il-piena tal-<u>multa</u>.

Gie kkunsidrat ukoll li fl-ebda hin din il-Qorti ma giet mitluba tillikwida danni ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, jew tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif rez applikabbli bl-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[214] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.
[215] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

Ghal dawn il-mottivi filwaqt li tillibera lil Maria Bondin minn kwalunkwe htija u piena, wara li rat l-artikolu 225(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati Carol Bonnici u David Sant hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom u filwaqt li tikkundanna lil Carol Bonnici ghal *multa* ta' erbat elef ewro €4,000, tikkundanna lil David Sant ghal *multa* ta' sebat elef ewro €7,000.

Tali multi ghandhom jithallsu mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' mhux anqas minn mija u hamsin ewro (€150), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja jonqsu milli jhallsu pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu bejniethom l-ammont ta' €1,644.99 rapprezentanti l-ispejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**